

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1130**tat-2 ta' Lulju 2019****dwar il-kundizzjonijiet uniformi għall-applikazzjoni armonizzata ta' tipoloġiji territorjali skont ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) ⁽¹⁾, u b'mod partikulari l-Artikolu 4b(5) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 jikkostitwixxi l-qafas legali għall-klassifikazzjoni reġjonali tal-Unjoni sabiex ikunu possibbli l-għbir, il-kompilazzjoni u t-tixrid ta' statistika reġjonali armonizzata.
- (2) L-Artikolu 4b tar-Regolament (KE) Nru 1059/2003 jagħti lill-Kummissjoni s-setgħa li tistabbilixxi, fil-livell tal-Unjoni, kundizzjonijiet uniformi għall-applikazzjoni armonizzata tat-tipoloġiji territorjali msemmijin f'dak l-istess Artikolu.
- (3) Dawk il-kundizzjonijiet jenħtieġ li jiddeskrivi l-metodu għall-assenjar tat-tipoloġiji lil unitajiet amministrattivi lokali (LAUs) individwali u lil reġjunijiet tal-livell 3 tan-Nomenklatura ta' Unitajiet Territorjali għall-Istatistika (NUTS).
- (4) Meta jiġu applikati l-kundizzjonijiet uniformi, huwa importanti li jitqiesu ċ-ċirkustanzi ġeografiċi, soċjoekonomiċi, storiċi, kulturali u ambjentali.
- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-kundizzjonijiet uniformi għall-applikazzjoni armonizzata tat-tipoloġija bbażata fuq il-grilja kif ukoll tat-tipoloġiji tal-livell tal-LAUs u tal-livell 3 tan-NUTS għandhom ikunu daww stabbiliti fl-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Lulju 2019.

*Għall-Kummissjoni**Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

⁽¹⁾ ĠUL 154, 21.6.2003, p. 1.

ANNEX

1. Il-kundizzjonijiet uniformi għall-applikazzjoni armonizzata tat-tipoloġija bbażata fuq il-grilja għandhom ikunu kif ġej:

Element kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 1059/2003	Tikketti	Kundizzjonijiet
Tipoloġija bbażata fuq il-grilja	“Ċelluli ta’ grilja rurali” jew “Ċelluli ta’ grilja b’densità baxxa”	ċelluli ta’ grilja ta’ 1 km ² b’densità taħt it-300 abitant/km ² u ċelluli oħra barra mir-raggruppamenti urbani.
	“Raggruppamenti urbani” jew “Raggruppamenti b’densità moderata”	Ċelluli ta’ grilja ta’ 1 km ² kontigwi (inkluż dijagonali) b’densità ta’ mill-inqas 300 abitant/km ² , u minimu ta’ 5 000 abitant fir-raggruppament.
	“Ċentri urbani” jew “Raggruppamenti b’densità għolja”	Ċelluli ta’ grilja ta’ 1 km ² kontigwi (mingħajr dijagonali) ġewwa r-“raggruppament urban” b’densità ta’ mill-inqas 1 500 abitant/km ² , u minimu ta’ 50 000 abitant fir-raggruppament wara li jimtlew il-lakuni.

2. Il-kundizzjonijiet uniformi għall-applikazzjoni armonizzata tat-tipoloġiji fil-livell tal-LAU għandhom ikunu kif ġej:

Element kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 1059/2003	Tikketti	Kundizzjonijiet	
Grad ta’ urbanizzazzjoni (DEGURBA)	“Żoni urbani”	“Bliet” jew “Żoni b’densità għolja ta’ popolazzjoni”	Unitajiet territorjali fil-livell tal-LAU fejn mill-inqas 50 % tal-popolazzjoni tgħix f’ċentri urbani.
		“Bliet żgħar u subborgi” jew “Żoni b’densità intermedja ta’ popolazzjoni”	Unitajiet territorjali fil-livell tal-LAU fejn inqas minn 50 % tal-popolazzjoni tgħix f’ċelluli ta’ grilja rurali, u inqas minn 50 % tgħix f’ċentri urbani.
	“Żoni rurali” jew “Żoni b’popolazzjoni baxxa”	Unitajiet territorjali fil-livell tal-LAU fejn mill-inqas 50 % tal-popolazzjoni tgħix f’ċelluli ta’ grilja rurali.	
Żoni urbani funzjonali	“Żoni urbani funzjonali”	“Bliet”	Unitajiet territorjali fil-livell tal-LAU iddefiniti bħala “Bliet” jew “Żoni b’densità għolja ta’ popolazzjoni”
		“Żona għall-ivvjaġġar”	Unitajiet territorjali fil-livell tal-LAU li minnhom tal-anqas 15 % tal-popolazzjoni impjegata tivvjaġġa lejn il-belt, bl-inklużjoni ta’ enklavi u l-esklużjoni ta’ eskklavi.
Żoni kostali	“Żoni kostali”		Unitajiet territorjali fil-livell tal-LAU li jmissu mal-baħar jew li mill-inqas 50 % tas-superfiċe tagħhom tinsab inqas minn 10 km ‘il bogħod mill-baħar. Jjizdedu l-enklavi (LAU mhux kostali mdawrin b’LAU kostali li jmissu magħhom).
	“Żoni mhux kostali”		Unitajiet territorjali fil-livell tal-LAU li mhumiex “Żoni kostali”, jiġifieri li ma jmissux mal-baħar u li inqas minn 50 % tas-superfiċe tagħhom tinsab inqas minn 10 km ‘il bogħod mill-baħar.

3. Il-kundizzjonijiet uniformi għall-applikazzjoni armonizzata tat-tipoloġiji fil-livell 3 tan-NUTS għandhom ikunu kif ġej:

Element kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 1059/2003	Tikketti	Kundizzjonijiet
Tipoloġija urbana-rurali	“Reġjuni fil-biċċa l-kbira urbani”	Reġjuni tal-livell 3 tan-NTUS fejn mill-inqas 80 % tal-popolazzjoni tgħix f'raggruppamenti urbani.
	“Reġjuni intermedji”	Reġjuni tal-livell 3 tan-NTUS fejn aktar minn 50 % iżda inqas minn 80 % tal-popolazzjoni tgħix f'raggruppamenti urbani.
	“Reġjuni fil-biċċa l-kbira rurali”	Reġjuni tal-livell 3 tan-NTUS fejn mill-inqas 50 % tal-popolazzjoni tgħix f'ċelluli ta' grilja rurali.
Tipoloġija metropolitana	“Reġjuni metropolitanani”	Reġjun wieħed, jew aggregazzjoni ta' reġjuni, tal-livell 3 tan-NUTS fejn mill-inqas 50 % tal-popolazzjoni tgħix f'żoni urbani funzjonali ta' mill-inqas 250 000 abitant.
	“Reġjuni mhux metropolitanani”	Reġjuni tal-livell 3 tan-NUTS li mhumiex “reġjuni metropolitanani”.
Tipoloġija kostali	“Reġjuni kostali”	Reġjuni tal-livell 3 tan-NUTS li jmissu mal-baħar, jew dawk fejn mill-inqas 50 % tal-popolazzjoni tgħix inqas minn 50 km mix-xatt, kif ukoll ir-reġjun tal-livell 3 tan-NUTS Hamburg (il-Ġermanja).
	“Reġjuni mhux kostali”	Reġjuni tal-livell 3 tan-NUTS li mhumiex “Reġjuni kostali”.